Kunsill Lokali
ĦAL GĦAXAQ

# RAPPORT ANNWALI AMMINISTRATTIV 2023

*imħejji minn Fiona Cutajar,* ***Segretarju Eżekuttiv***

## *Introduzzjoni*

Ir-rapport amministrattiv ikopri l-ħidma għall-perjodu ta bejn l-1 ta' Jannar 2023 u l-31 ta' Diċembru 2023. Dan jagħti rendikont tal-ħidma tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq li twettqet mill-Kunsill Lokali flimkien mal-proġetti pproġġetati għas-sena 2024.

Għal sena oħra reġa' kellna programm sħiħ ta' xogħlijiet fil-qasam ta' manutenzjoni, xogħlijiet infrastrutturali u tisbieħ tal-lokalita'. L-għan prinċipali tal-Kunsill hu li dejjem jipprova jagħmel l-aħjar użu biex bir-riżorsi u l-fondi allokati lilu mill-Gvern Ċentrali jaqdi l-prioritajiet u l-eżigenzi tal-lokalita' u tar-residenti.

L-Uffiċċju Amministrattiv huwa kompost minn:

| *Impjegati* | |
|---|---|
| Fiona Cutajar | ***Segretarju Eżekuttiv*** |
| Donna Mallia | ***Assistent Prinċipal*** |
| Shaun Spiteri | ***Skrivan*** |

Il-Kunsill, bħas-snin l-imgħoddija kellu wkoll l-għajnuna ta' ħaddiem ta' l-*RSSL* li jagħmel xogħol ta' manutenzjoni fil-lokalita', flimkien mal-ħames ħaddiema tal-*Community Workers Scheme Enterprise Foundation*. Kellna wkoll żewġ ħaddiema tal-ERL fejn komplew jassistuna fit-tisħiħ infrastrutturali kif ukoll jieħdu ħsieb il-ġonna, qtugħ ta' ħaxix, tindif tal-uffiċini, tal-berġa u l-librerija, tindif u attendenza ta' latrini pubbliċi u jwettqu xi xogħol ieħor li jiġi assenjat lilhom ta' kuljum.

L-allokazzjoni Finanzjarja għal din is-sena reġgħet żdiedet fejn issa qed tammonta għal €421,264 li kienet maqsuma kif indikat hawn taħt:-

- *Parks*, Gonna u *Soft Areas* €11,451
- *Latrini Pubbliċi* *€ 3,825*
- *Amministrazzjoni* €123,215
- Manutenzjoni ta' Toroq Rurali, sinjali tat-traffiku €29,571
- Manutenzjoni ta' Toroq Urbani, sinjali tat-traffiku €66,032
- Knis ta' toroq urbani €44,665
- Knis ta' toroq rurali €13,143
- Immaniġġjar tal-Iskart + bins on wheels €93,409
- Ammont allokat għal *tipping fees* €32,748

Għal darba oħra ingħatajna ukoll €3204 bħala parti mill-Fond ta' Aġġustament biex bihom isir ukoll xi proġett żgħir.

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦAXAQ**

**RAPPORT ANNWALI AMMINISTRATTIV 2023**

Matul din is-sena saru ħmistax-il laqgħa mal-Kunsilliera tat-Tmien Leġislatura fejn l-attendenza għal-laqgħat tal-Kunsill kienet waħda tajba.

| *It-Tmien Leġislatura*<br>*Minn Jannar 2023 sa Diċembru 2023* |
|---|

| | |
|---|---|
| Darren Abela | *Sindku* |
| Christine Dalli | *Viċi Sindku* |
| Rose Agius | *Kunsilliera* |
| Andreas Gatt | *Kunsillier (Jannar - Settembru 2023)* |
| Keith Mario Fenech | *Kunsillier* |
| Anthony Vella | *Kunsillier (minn Novembru 2023)* |
| Fiona Cutajar | *Segretarju Eżekuttiv* |

| *Attendenza għal-Laqgħat tal-Kunsill*<br>*Jannar-Diċembru 2023* |
|---|

| Laqgħat Nru. 57-70 | Darren Abela | Christine Dalli | Rose Agius | Andreas Gatt (Jan-Sett '23) | Keith Mario Fenech | Anthony Vella (Nov-Dec '23) |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Attendenza | 15/15 | 14/15 | 14/15 | 1/12 | 14/15 | 3/3 |

KUNSILL LOKALI ĦAL GĦAXAQ

RAPPORT ANNWALI AMMINISTRATTIV 2023

## Organizazzjonijiet

Il-Kunsill Lokali fuq l-istess passi tas-snin preċedenti baqa' jżomm relazzjonijiet tajba mal-Għaqdiet tal-qasam tal-voluntarjat fir-Raħal u entitajiet oħra li huma parti essenzjali fil-ħidma ta' kuljum tagħna, inkluż dawk li ma humiex fl-istess lokal.

## Ħidma Ġenerali

Il-Ħidma primarja tal-Kunsill Lokali ta' kull sena dejjem tibqa' tiżdied.

Il-Kunsill Lokali dejjem mexa fuq il-prijoritajiet u dejjem għaraf li ma jsirx infieq bla bżonn jew iżjed milli dak mistenni.

L-għan ewlieni tal-Kunsill hu dejjem l-istess, għalkemm bil-limitazzjoni finanzjarja mhux dejjem ikun possibbli li jitwettaq dak kollu mixtieq. Il-parti l-kbira tal-ammont sostanzjali tal-fondi jkun dejjem diġa' allokati fuq kuntratti speċifiċi.

Sabiex il-Kunsill ikun jista' jwettaq proġetti li finanzjarjament ikunu jinvolvu ammont sostanzjali ta' flus kontinwament jagħmel diversi laqgħat matul is-sena m'entitajiet governattivi u privati biex b'kollaborazzjoni mal-Kunsill ikunu jistgħu jsir tali proġetti.

## Saħħa

B'kontinwazzjoni din is-sena fil-Berġa lokali reġgħu ingħataw diversi servizzi fosthom it-Tilqim tal-Covid kif ukoll tal-influwenza. Is-Servizzi offruti mill-Berġa tagħna komplew jiżdiedu biex nakkomodaw u niffaċċilitaw iktar lill-poplu.

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦAXAQ**

**RAPPORT ANNWALI AMMINISTRATTIV 2023**

---

## *ĦIDMA U XOGĦOLIJIET INFRASTRUTTURALI 2023*

Ix-xogħol tal-Kunsill f'dan is-settur issoktat b'ħidma kontinwa ta' rranġar ta' bankini, riffriskar ta' żebgħa tat-toroq, qtugħ ta' ħaxix f'toroq urbani u rurali u żamma ta' żoni pubbliċi, żbir ta' siġar, tabelli tat-toroq u mantenzjonijiet fejn kien hemm il-bżonn li jsiru mill-ħaddiema assenjati mal-Kunsill Lokali. Din is-sena wkoll ħadna ħsieb it-tindif tal-*water culverts* ta' madwar ir-raħal.

Sar ukoll xogħol ta' *resurfacing* din is-sena fejn saru parti ġdida fi Triq il-Barklor, Triq Maestro Felix Atanasio u sar ukoll Sqaq San Bastjan. Il-pjan ewlieni dejjem jibqa' biex iktar toroq ikomplu jsiru minn Infrastructure Malta fejn tlestew parti sostanzjonali minnhom matul dawn is-snin u hekk jkun saru parti kbira ta' toroq fir-raħal tagħna.

Bl-għajnuna ta' fondi li l-Kunsill Lokali bbenifika mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali ser isir xogħol infrastrutturali fit-Turretta li huwa pproġġetat li jinbeda s-sena dieħla. Ksibna wkoll fondi għas-Sigurta' fil-lokal fejn diġa' bdejna b'installazzjoni ta' sistema ġdida ġew l-binja tal-Kunsill, fejn hemm ukoll maħsub li jsiru *cameras* għaż-żamma u protezzjoni a' ċertu żoni madwar ir-raħal.

Żidna wkoll ammont ta' *dog bins* u anke *litter bins* madwar Ħal Għaxaq ħalli b'hekk tiġi ndirizzata l-problema li sfortunatament ikollna dwar rimi ta' skart abbużiv biex b'hekk din il-problema tiġi mnaqqsa. Ġew impoġġija numru ta' *cat cafes* fit-toroq tagħna fejna ħadna ħsieb dan is-settur ukoll.

Matul ix-xahar ta' Diċembru fil-Milied erġajna armajna fil-Pjazza l-presepju b'pasturi ta' qies uman li ġew magħmula bil-ganċ kif ukoll reġgħet saret is-siġra magħmula wkoll mill-ganċ li Ħal Għaxaq sar sinonimu magħha f'dawn iż-żminijiet. Din is-sena wkoll bl-għajnuna tas-Sinjura Rose Vella u t-team tagħha, komplejna nżidu l-armar tal-Milied bil-ganċ ta' żewġ suldati oħra li wkoll ġew impoġġija fil-Pjazza. Erġajna għamilna t-tliet *gingerbread houses* b'disinji tal-Milied fuq Santu Rokku. Il-ħsieb jibqa' li fis-snin li ġejjin nibqgħu inżijdu sabiex inkomplu noħolqu villaġġ tal-Milied.

## ATTIVITAJIET ORGANIZZATI FL-2023

Fl-okkażjoni ta' Jum Ħal Għaxaq din is-sena ġie Inawgurat Gnien il-Kunsill fejn ingħata l-Isem ta' Gnien Emanuel Vassallo tal-ħidma li kien ta bħala ex-Sindku sabiex isir dan il-ġnien. Fin-nuqqas tiegħu ġie mogħti r-Rikkonoxximent lill-familjari tiegħu għal dan is-sehem. Sar riċeviment fil-ġnien stess fejn din is-sena ġibna grupp folkloristiku biex iżżewwaq din l-okkażjoni fejn kellna parteċipazzjoni sabiħa mill-Għaqdiet lokali u dawk mistiedna.

**Kultura**

Il-Karnival Tradizzjonali Għaxqi, inkluż il-Karnival tat-Tfal ta' din is-sena sar b'kollaborazzjoni mar-Rejġun Nofsinhar fejn apparti l-Iskola Primarja Lokali kellna l-parteċipazzjoni minn Skejjel Primarji oħra li jaqgħu taħt ir-Reġjun tagħna, fejn il-Kunsill ingħata wkoll fondi mir-Reġjun sabiex dan seta' jseħħ. Saret ukoll il-*Carnival Fun Run* fi Frar fejn kellna attendenza numeruża. Għal darba oħra l-Karnival reġa kien wieħed ta' suċċess b'parteċipazzjoni tajba ta' numru ta' maskarati, kostumi u anki xi karrijiet, fejn il-Kunsill Lokali dejjem jagħti premijiet sabiex ikun ta' nkoraġġiment lil dawn id-dilettanti.

Din is-sena wkoll il-Kunsill Lokali reġa' organizza attivita' marbuta mal-ġranet tal-*Halloween*, fejn żidna l-armar fit-toroq u fil-Pjazza. Involvejna r-residenti sabiex min rid seta' jarma r-residenza bit-tema tal-*Halloween*. Kienet attivita' ta' suċċess fejn tagħtina kuraġġ li nkomplu naħdmu sabiex tikber fil-popolarita' tagħha.

Il-Kunsill Lokali din is-sena wkoll ta l-għajnuna tiegħu lill-Kummissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira fejn issupplixxejna dawl adegwat fil-Pjazza għal waqt il-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira. Ta' kull sena din dejjem qed iżid fil-parteċipazzjoni tagħha bħala persunaġġi u anke fl-attendenza tan-nies.

L-għan ewlieni tal-Kunsill hu li dawn l-attivitajiet li l-Lokal hu tant magħruf għalihom ikomplu jikbru u jżidu mas-suċċessi tagħhom sena wara oħra u nittamaw li kollox ikun jista' jerġa' jiġi organizzat fis-snin li ġejjin.

## Sport

Għal sena oħra l-Kunsill Lokali reġa organizza is-*Summer School* bil-kollaborazzjoni man-*Nursery* tal-lokal tagħna. Il-parteċipazzjoni qed dejjem tiżdied. Il-ħsieb prinċipali tal-Kunsill hu li dejjem jkompli jinvesti fit-tfal u żgħażagħ b'dawn l-attivitajiet ħalli b'hekk jiġu mbegħda minn ċerti vizzji. Il-Kunsill Lokali reġa' ta l-kontribut tiegħu sabiex għen lin-Nursery billi xtara xi flokkijiet u reġgħu ġew sponsorjati l-*coaches* biex jorganizzaw din l-attivita' fejn żgħażagħ u tfal jattendu u jipprattikaw l-isport. Il-Kunsill qiegħed ukoll jibgħat ħaddiem tas-CWSEF biex jassisti lin-Nursery f'xogħol ta' manutenzjoni. Il-Kunsill jassisti ukoll lill-Klabb tal-Boċċi fl-organizzazzjoni ta' attivitajiet li jsiru matul is-sena.

## Sigurta'

Bħal ma jiġri ta' kull sena l-Kunsill Lokali baqa' jżomm kuntatt regolari mall-Uffiċjali tal-Korp tal-Pulizija Distrettwali u mal-Gwardjani Lokali biex jiġu diskussi l-problemi relatati mal-qasam tagħhom u nipprevjenu problemi li jistgħu jinqalgħu u wkoll biex inkomplu fejn hu possibbli nedukaw lir-residenti fejn jidħol immaniġġjar fit-toroq u abbużi. B'kollaborazzjoni sħiħa mal-Agenzija LESA, saret ukoll sistema iktar kontrollata fejn jidħlu permessi ta' krejnijiet u inġenji oħra fit-toroq.

## Ambjent

Fil-bidu ta' din is-sena il-Kunsill Lokali beda b'sistema ġdida ta' ġbir ta' skart fejn dan sar wieħed Reġjonali, fejn xorta l-Kunsill baqa' jagħti s-sehem tieghu sabiex dan is-servizz jibqa' jingħata u għaddej kif suppost. Ħdimna ħafna, kemm fejn jidħol it-tindif ta' toroq fejn żidna numru sostanzjali ta' reċipjenti madwar it-toroq. Ħallejna s-servizz fejn ir-residenti jistgħu jiddisponu minn skart żgħir elettroniku fl-uffiċċju tal-Kunsill. Kull xahar baqa' jiġi wkoll trakk tal-Wasteserv fil-ground tal-Kappillan sabiex ir-residenti jkunu jistgħu jiddisponu minn skart perikoluż.

Din is-sena wkoll il-Kunsill kompla jiżra' aktar fjuri u siġar f'postijiet u ġonna pubbliċi biex b'hekk inkomplu nsebbħu l-ambjent tal-lokal tagħna u jkollna dehra aħjar. Ressaq talba lill-Project Green biex f'żoni identifikati mill-Kunsill stess jinżergħu pjanti u siġar ġodda biex inkomplu nsebbħu l-ambjent.

## Edukazzjoni

Minkejja li l-Librerija ta' Ħal Għaxaq din is-sena wkoll kellha tibqa' magħluqa minħabba x-xogħlijiet ta' kostruzzjonali fl-Iskola Primarja li lejn l-aħħar ta'

din is-sena tlestew, il-Kunsill xorta investa f'xiri ta' kotba u anke hu ppjanat li għal bidu tas-sena dieħla tkun tista' terġa' tibda topera b'mod normali.

Għal sena oħra konsekuttiva ġew organizzati l-korsijiet tal-Bizzilla kif ukoll il-korsijiet 'Aqra Miegħi'.

**Anzjani**

Ġie ntrodott s-servizz 'Silver T' fejn l-anzjani issa jistgħu jużaw dan is-servizz biex jagħmlu l-qadi tagħhom fil-lokal u anki barra mill-lokal. Dan is-servizz intlaqa' tajjeb ħafna u r-residenti anzjani qed jingħataw iktar għajnuna u serħan il-moħħ.

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦAXAQ - RAPPORT ANNWALI AMMINISTRATTIV 2023**

**L-UFFIĊĊJU TAL-KUNSILL U L-KUNTATT MAR-RESIDENTI**

Is-servizzi lir-residenti baqgħu mexjin b'mod regolari, fejn is-sistemi ġodda li ġew introdotti s-sena l-oħra indraw sew man-nies fosthom tal-permessi *online*. Il-kumplament tas-servizzi bħal ħlas tal-kirjiet, tal-permessi, liċenzji tal-ħwienet u ċitazzjonijiet baqgħu jingħataw matul is-sena kollha. Servizz li għadu jingħata lir-residenti u huwa effettiv ħafna hu dak ta' rimi ta' skart zgħir elettroniku WEEE fejn għandna *trolley* ġewwa l-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali għad-dispożizzjoni tar-residenti. Kontinwament il-Kunsill Lokali qed ikompli fit-tqassim tal-boroż għall-iskart organiku lir-residenti meta dawn ikunu disponibbli.

Matul l-2023 bħal kull sena oħra l-Kunsill Lokali rċieva numru konsiderevoli ta' lmenti. Minn dawn numru sostanzjali, anzi l-maġġor kbira tagħhom, ġew solvuti, speċjalment dawk fejn l-intervent tagħhom ikun dirett mill-Kunsill Lokali jew jaqgħu fir-responsabbilta' tagħna.

Minn sena għal oħra dejjem qed naraw miljorament mir-residenti fejn addattaw ruħhom mas-sistema tar-rimi tal-iskart, pero' dejjem għad hemm lok għal edukazzjoni sabiex isir aktar riċiklaġġ ta' materjal separat. Il-Kunsill għadu joffri wkoll is-servizz ta' ġbir ta' materjal goff. Il-Kunsill dejjem jieħu ħsieb is-saħħa u l-ambjent tar-residenti, għaldaqstant jixtieq li r-residenti jevitaw li jarmu ħmieġ barra b'hekk biss tkun diġa' tiġi evitata dehra kerha u l-abbużi fil-Lokal jiġu mnaqqsa b'mod immedjat. Sfortunatament waħda mill-problema rikorrenti li l-Kunsill dejjem jiffaċċja hi minħabba li dejjem ikun hemm ċertu żoni li huma magħrufa li jsir l-abbuż u jintrama' ħafna skart illegali. Kontinwament innaddfu dawn iż-żoni bil-ħaddiema, l-kuntratturi tagħna u anke bil-għajnuna tad-Dipartiment tal-*Cleansing Malta* fejn jgħinna naddfu żoni fejn ikun hemm skart illegali ta' ċertu ammont. L-appell tagħna dejjem jibqa' għal koperazzjoni tan-nies biex nevitaw dan it-tip ta' skart u b'hekk jiġi mnaqqas dan l-abbuż.

Il-ħidma primarja tal-Kunsill hi waħda li nkomplu bil-ħidma sabiex intejbu s-servizzi kollha li nistgħu noffru. Faċli ma tkun qatt li nlaħħqu mal-problemi kollha li jkun hawn fil-lokal, iżda b'ċertezza qed isir dak kollu possibbli minn naħa tagħna sabiex il-liġijiet tal-pajjiż jkunu ujibqgħu jiġu mħarsa.

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦAXAQ - RAPPORT ANNWALI AMMINISTRATTIV 2021**

***OQSMA TA' ĦIDMA TAL-KUNSILL***

---

Ir-ringrazzjament dejjem imur lejn ir-Residenti tal-koperazzjoni li dejjem insibu biex b'hekk il-livell miksub f'dawn l-aħħar snin jibqa' hemm u jiffjrixxi matul is-snin. L-appell għal miljorament qatt ma' jkun żejjed dwar l-abbużi in ġenerali madwar il-lokal peress li sfortunament għadhom isiru u li fl-aħħar mill-aħħar ma jagħmlux ġieħ lil Ħal Għaxaq u lil niesu.

Il-koperazzjoni mir-residenti hija wieħed mill-fatturi prinċipali li l-Kunsill dejjem jappella sabiex meta jiltaqgħu ma' xi forma ta' nuqqas dan jiġi mressaq minnufih lill-Kunsill jew lill-Awtoritajiet rispettivi ħalli b'hekk jittieħdu l-passi kollha neċessarji.

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq kien, huwa u dejjem jibqa' li jaħdem mill-qrib tar-residenti sabiex itejjeb minn kull aspett il-ħajja tar-Residenti Għaxqin.

**Fiona Cutajar**
Segretarju Eżekuttiv